**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' Mejju 2022**

**<u>Rikors Guramentat Nru : 163/2022 AGV</u>**

**SC B**

**vs.**

**NA gja B**

**Il-Qorti ;**

**<u>Rat ir-Rikors guramentat ta' SCB</u>**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma u jiddikjara;

ILLI l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fl-ewwel (1) ta' Dicembru elfejn u wahda (2001) fl-Onorati l-Gizwiti l-Belt Valletta debitament rregistrat fir-registru taz-zwieg f'Malta bin-numru tac-certifikat 1973/2001 u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A".

ILLI minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom it-tfal, GB ta' dsatax (19) il-sena u BB ta' hmistax (15) il-sena;

Illi l-partijiet isseparaw legalment nhar il-5 ta' Novembru 2018 permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni fl-atti tan-nutar Reuben Debono anness u mmarkat Dok "B".

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal numru ta' snin tant li ghandhom relazzjonijiet godda ma' terzi persuni;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra iffurmaw relazzjoni ma' nies ohra;

Illi m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet favur il-minuri;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti Sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna li l-intimata tirriverti ghall-kunjom taghha ta’ xebba ossija “A”

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqsehekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta ta’ NA GJA B datat 17 ta’ Mejju 2022;**

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-paritjiet fil-kawza de quo, ilhom separati de facto oltre l-erba’ snin rikjesti mil-Ligi.
2. Illi l-esponenti tikkonferma li ebda manteniment ma hu dovut u ma jezisti ebda pendenza fil-konfront ta’ xulxin ;
3. Illi l-esponenti tikkonferma li ma tezisti l-ebda prospett regenevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw;
4. Illi l-esponenti tirreleva li t-tieni talba tar-rikorrenti hija totalment frivola stante l-istess rikorrenti jaf ben tajjeb li l-esponenti permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni iffirmat minnu stess hija ghazlet minn jeddha li tirreverti ghal kunjom xbubitha ;
5. Illum ghaldaqstant l-epsonenti taqbel mat-talbiet tal-attur kif dedotti fir-rikors prutur hlief ghat-tieni talba bl-ispejjez kontra l-attur.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**